

REGOLAMENT (UE) Nru. 528/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Ġunju 2013****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 450/2008 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzati) fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33, 114 u 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkonsulta l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzati) ⁽³⁾ huwa maħsub biex jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽⁴⁾. Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ġunju 2008, iżda għandu jkun applikabbli biss, skont l-Artikolu 188(2) tiegħu, wara li d-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tiegħu jiġu applikabbli, u mhux aktar tard mill-24 ta' Ġunju 2013.
- (2) Fl-20 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, fil-forma ta' riformulazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2008, sabiex jissostitwih qabel id-data finali ta' applikazzjoni tal-24 ta' Ġunju 2013. Madankollu, il-proċedura leġislativa ordinarja ma tistax issir fil-ħin għall-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' dak ir-Regolament propost qabel dik id-data. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe azzjoni leġislativa korrettiva, ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 għalhekk japplika fl-24 ta' Ġunju 2013 u jitħassar ir-Regolament

(KEE) Nru 2913/92. Dan ikun jiġġenera inċertezza legali dwar il-leġislazzjoni doganali attwalment applikabbli minn dik id-data u jkun ta' ostaklu għaż-żamma ta' qafas legali komprensiv u konsistenti tal-Unjoni għal kwistjonijiet doganali, soġġett għall-adozzjoni tar-Regolament propost.

- (3) Sabiex jiġu evitati diffikultajiet serji bħal dawn relatati mal-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni u biex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu pprovduti biżżejjed żmien biex ittemm il-proċess tal-adozzjoni tar-riformulazzjoni ta-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, id-data finali ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2008, kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 188(2) tiegħu, għandha tiġi posposta. Id-data l-ġdida tal-applikazzjoni kkunsidrata xierqa għal dan l-għan tkun l-1 ta' Novembru 2013.
- (4) Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, għandha tapplika eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 188(2) tar-Regolament (KE) Nru 450/2008, id-data tal-"24 ta' Ġunju 2013" għandha tinbidel b'dik ta' 'l-1 ta' Novembru 2013'.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, tat-12 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Parlament Ewropew**Il-President*

M. SCHULZ

*Għall-Kunsill**Il-President*

L. CREIGHTON

⁽¹⁾ Opinjoni tat-22 ta' Mejju 2013 (għadha mhix ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Mejju 2013 (għadha mhix ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċizzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2013.

⁽³⁾ ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.